**Parlament Ewropew**
2014-2019

*Kumitat għall-Iżvilupp*

**2018/2037(INI)**

27.4.2018

# OPINJONI

tal-Kumitat għall-Iżvilupp

għall-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

dwar il-ġejjieni tal-ikel u tal-biedja
(2018/2037(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Maria Noichl

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Iżvilupp jistieden lill-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jenfasizza l-fatt li l-insigurtà tal-ikel akuta affettwat 124 miljun ruħ f'51 pajjiż fl-2017, jiġifieri 16-il miljun ruħ aktar milli fl-2016, u li l-maġġoranza ta' dawk affettwati mill-insigurtà tal-ikel jgħixu f'żoni rurali;

2. Ifakkar li l-UE hija l-akbar esportatur u importatur ta' prodotti agrikoli u għalhekk taqdi rwol kruċjali fis-swieq agrikoli dinjija; jinnota li l-UE hija s-sieħba kummerċjali ewlenija għall-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp fir-rigward tal-prodotti agrikoli;

3. Ifakkar fil-Kunsens Ewropew il-Ġdid għall-Iżvilupp li fih l-UE u l-Istati Membri tagħha jaffermaw mill-ġdid l-impenn tagħhom u jirrikonoxxu l-importanza fundamentali tar-rispett effettiv tal-prinċipju tal-Koerenza tal-Politiki għall-Iżvilupp (PCD) stabbilit fl-Artikolu 208 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), li jimplika li jitqiesu l-objettivi tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp fil-politiki kollha tal-UE, inklużi l-politika u l-finanzjament agrikoli, li x'aktarx jaffettwaw il-pajjiżi fil-fażi ta' żvilupp b'mod negattiv; iqis, f'dan il-kuntest, li r-riforma tal-politika agrikola komuni (PAK) għandha tirrispetta d-dritt li għandhom il-pajjiżi fil-fażi ta' żvilupp li jfasslu l-politiki agrikoli u l-politiki tal-ikel tagħhom mingħajr ma ddgħajjef il-kapaċitajiet tal-produzzjoni tal-ikel u s-sigurtà tal-ikel fit-tul, b'mod partikolari dawk tal-pajjiżi l-inqas żviluppati;

4. Ifakkar fl-impenn tal-UE u tal-Istati Membri tagħha għall-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) u jissottolinja li l-koerenza tal-PAK mal-SDGs hija kruċjali, speċjalment fil-każ tal-SDG 2 (ġuħ żero), 5 (ugwaljanza bejn is-sessi), 12 (konsum u produzzjoni responsabbli) 13 (azzjoni klimatika) u 15 (il-ħajja fuq l-art), li magħhom trid tiġi allinjata l-PAK futura;

5. Jirrikonoxxi l-fatt li l-PAK hija altru milli perfetta u li din trid tkun aktar favur l-iżvilupp, billi tipprevjeni d-distorsjonijiet kemm fl-Ewropa kif ukoll fis-swieq agrikoli internazzjonali u tiffavorixxi tranżizzjoni lejn agrikoltura aktar sostenibbli u prattiki agrikoli reżiljenti, li jgħinu fil-protezzjoni tal-ekosistemi u tar-riżorsi naturali u jirrinfurzaw il-kapaċità tagħhom li jadattaw ruħhom għat-tibdil fil-klima, xejriet ta' temp estrem, nixfa, għargħar u diżastri oħra u li jtejbu progressivament il-kwalità tal-ħamrija, b'konformità mat-tieni SDG;

6. Ifakkar li agrikoltura li tonqos milli tipproteġi u ttejjeb l-għajxien rurali, l-ekwità u l-benessri soċjali mhijiex sostenibbli; jitlob lill-UE tiżviluppa skemi ġusti u ambjentalment sostenibbli għall-produzzjoni tal-ikel, tinċentiva konsum responsabbli u tippromwovi mudelli dijetetiċi sostenibbli fil-politiki kollha li x'aktarx jaffettwaw il-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp;

7. Jisħaq fuq il-fatt li r-riforma tal-PAK għandha tikkontribwixxi għall-bini ta' sistema Ewropea ġdida tal-ikel b'konformità man-natura trasformattiva tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli u l-Ftehim ta' Pariġi; jemmen li, għal dan l-għan, hija meħtieġa

bidla fundamentali minn "revoluzzjoni ekoloġika" għal "approċċ agroekoloġiku", b'konformità mal-konklużjonijiet tal-Valutazzjoni Internazzjonali tal-Għarfien, Xjenzi u Teknoloġiji Agrikoli għall-Iżvilupp (IAASTD) u mar-rakkomandazzjonijiet tar-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar id-dritt għall-ikel, li jimplika rikonoxximent tal-multifunzjonalità tal-agrikoltura u bidla rapida minn kultivazzjoni ta' monokultura abbażi tal-użu intensiv ta' inputs kimiċi lejn agrikoltura diversifikata u sostenibbli abbażi ta' prattiki tal-biedja agroekoloġiċi, it-tisħiħ tas-sistemi tal-ikel lokali u tal-biedja fuq skala żgħira u l-għoti ta' appoġġ lil tipi tradizzjonali ta' organizzazzjoni;

8. Iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jimplimentaw l-impenn li sar fil-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp sabiex tiġi appoġġjata l-agroekoloġija, inkluż permezz tat-tieqa ta' investiment fl-agrikoltura tal-Pjan ta' Investiment Ewropew;

9. Jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jirrinfurzaw id-djalogu mal-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp u jipprovdu l-għarfien espert u l-appoġġ finanzjarju tagħhom biex jippromwovu agrikoltura ekoloġikament sostenibbli abbażi tal-biedja fuq skala żgħira u l-biedja tal-familja, li jkollha fil-mira tagħha, b'mod partikolari, lin-nisa u ż-żgħażagħ, impenn li sar fid-Dikjarazzjoni Konġunta tas-Summit bejn l-Unjoni Afrikana u l-UE tal-2017 bit-titolu "Investing in Youth for Accelerated Inclusive Growth and Sustainable Development" ("Ninvestu fiż-Żgħażagħ għal Tkabbir Inklużiv Aċċellerat u Żvilupp Sostenibbli"); ifakkar fil-kontribut tan-nisa fiż-żoni rurali bħala intraprendituri u promoturi tal-iżvilupp sostenibbli; jisħaq fuq il-ħtieġa li l-potenzjal tagħhom fl-agrikoltura sostenibbli u r-reżiljenza tagħhom fiż-żoni rurali jiġu żviluppati;

10. Jitlob, filwaqt li jfakkar fl-objettivi oriġinali tal-PAK kif stabbiliti fl-Artikolu 39 tat-TFUE, li jiġi stabbilit kapitolu ieħor fil-leġiżlazzjoni tal-PAK ta' wara l-2020 fir-rigward tar-responsabbiltà tagħha fl-iżvilupp ta' kwistjonijiet ta' politika, li tiġi inkluża integrazzjoni aħjar tal-objettivi ambjentali u l-SDGs, peress li l-projbizzjoni fuq is-sussidji tal-esportazzjoni tfisser li d-distorsjonijiet ekonomiċi għadhom jippersistu, peress li tippermetti lis-settur agrikolu tal-UE jesporta prodotti bażiċi agrikoli taħt il-medja tal-ispejjeż tal-produzzjoni;

11. Jistieden lill-Kummissjoni twettaq valutazzjonijiet tal-impatt ex-ante u ex-post tal-effetti esterni tal-PAK b'mod sistematiku bl-għajnuna ta' indikaturi tal-SDGs, u tiżviluppa qafas metodoloġiku għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-effetti tal-PAK fuq is-settur tal-produzzjoni agrikola fil-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp u fuq l-affordabbiltà u d-disponibbiltà tal-ikel; jissuġġerixxi li din id-data għandha tintuża għal mekkaniżmu ta' twissija li juri l-effetti negattivi tal-PAK fuq l-għajxien tal-bdiewa fuq skala żgħira, b'mod partikolari bdiewa nisa, fil-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp;

12. Jisħaq fuq il-fatt li l-PAK trid tirrispetta l-prinċipju li "ma ssir l-ebda ħsara" u tkun koerenti ma' politiki oħra tal-UE u ma' obbligi oħra internazzjonali fil-qasam tal-iżvilupp, iżda anke mal-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, l-ambjent, il-klima, id-drittijiet tal-annimali u n-natura; jinnota, barra minn hekk, li mhuwiex effiċjenti li, f'termini ta' nfiq tal-baġit tal-UE, jiġu ġġenerati esternalitajiet negattivi u mbagħad li jiġu koperti l-ispejjeż li dawn l-esternalitajiet jiġġeneraw;

13. Iqis li huwa meħtieġ, b'konformità mal-politiki tal-Aġenda 2030 u l-SDGS, li jiġu rikonoxxuti l-iżbilanċi ġeografiċi fir-relazzjonijiet kummerċjali u l-kompetizzjoni fis-settur tal-biedja bejn il-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp u l-UE u li tiġi promossa relazzjoni

aktar bilanċjata mas-sħab kummerċjali;

14. Jitlob lill-UE tiżgura li l-PAK futura tegħleb il-problemi relatati mal-mudell agrikolu attwali orjentat lejn l-esportazzjoni billi ttejjeb is-swieq interni tal-UE u l-ktajjen tal-provvista tal-ikel qosra b'mod sostenibbli sabiex b'hekk ma jiġix imminat l-iżvilupp tal-pajjiżi filwaqt li tiġi żgurata reżiljenza għax-xokkijiet u t-theddidiet esterni;

15. Jinnota li l-esportazzjonijiet u l-importazzjonijiet tal-UE ta' prodotti agroalimentari huma bbażati fuq ftehimiet kummerċjali; jisħaq fuq il-fatt li dawn il-ftehimiet għandhom jiżguraw kundizzjonijiet ekwi bejn il-bdiewa fl-UE u l-bqija tad-dinja, filwaqt li tingħata preferenza lill-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp;

16. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jwaqqfu l-għan ta' agrikoltura Ewropea dejjem aktar intensifikata u jwaqqfu l-produzzjoni żejda fis-settur tal-bhejjem permezz tal-introduzzjoni obbligatorja ta' sistema ta' trobbija tal-bhejjem ibbażata fuq l-erja; jinnota bi tħassib li d-dipendenza tal-UE mill-għalf tal-annimali importat, b'mod partikolari s-sojja, ikkontribwiet għaż-żieda fid-domanda għall-art f'pajjiżi barranin, li twassal għad-deforestazzjoni, it-telfien tal-bijodiversità, l-ispostament ta' komunitajiet u żieda fl-intossikazzjoni bħala riżultat tal-kultivazzjoni ta' sojja ġenetikament modifikata b'użu intensiv ta' pestiċidi fl-Amerka t'Isfel; iħeġġeġ lill-Istati Membri, għalhekk, inaqqsu u jeliminaw progressivament l-importazzjonijiet tagħhom tal-għelejjel li fihom il-proteini minn pajjiżi terzi bħalma huma l-Arġentina u l-Brażil;

17. Jitlob, barra minn hekk, in-newba tal-uċuħ tar-raba' bi pjanti leguminużi fuq ir-raba' applikabbli kollha u l-implimentazzjoni ta' strateġija dwar il-proteini fl-UE kollha li l-għan tagħha jkun li tnaqqas id-dipendenza fir-rigward tal-importazzjonijiet tas-sojja minn pajjiżi terzi; jitlob, sadanittant, l-introduzzjoni ta' kriterji ta' sostenibbiltà għall-importazzjonijiet tal-proteina veġetali;

18. Ifakkar fl-importanza li l-bdiewa lokali jingħataw is-setgħa li javvanzaw fil-katina tal-valur billi dawn jingħataw għajnuna u appoġġ fir-rigward ta' prodotti organiċi u prodotti b'valur miżjud u għarfien u teknoloġiji ġodda, peress li l-kisba tas-sostenibbiltà tirrikjedi azzjoni diretta sabiex ir-riżorsi naturali jiġu kkonservati, protetti u mtejba;

19. Jitlob li jiġu abbandunati s-sussidji indiretti u mhux immirati bħalma huma l-pagamenti skont l-erja; jitlob li s-sussidji jinħarġu biss jekk dawn jikkontribwixxu għall-beni pubbliċi bħalma huma impjiegi lokali, diversità bijoloġika, benessri tal-annimali, arja u ilma nodfa, u ħamrija differenti b'saħħitha u fertili;

20. Ifakkar, f'dan il-kuntest, fl-effetti ta' distorsjoni tas-suq li kellha l-introduzzjoni mill-ġdid tal-appoġġ akkoppjat fil-PAK 2014-2020; ifakkar li t-tneħħija tal-kwoti tal-ħalib fl-2015, bl-aspettattiva ta' opportunitajiet ta' bejgħ ġodda fis-suq għall-prodotti agrikoli Ewropej fil-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp, aggravat il-produzzjoni eċċessiva, li rriżultat fi prezzijiet aktar baxxi u affettwat l-iżvilupp tas-settur tal-ħalib kemm fl-Ewropa kif ukoll fil-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp;

21. Itenni l-opinjoni tiegħu li d-distribuzzjoni tal-pagamenti hija żbilanċjata; huwa tal-fehma li l-azjendi tal-biedja ta' daqs akbar mhux bilfors ikollhom bżonn l-istess grad ta' appoġġ għall-istabbilizzazzjoni tal-introjtu tal-azjendi tal-biedja bħal dawk ta' daqs iżgħar jew dawk b'introjtu aktar baxx fi żminijiet meta l-introjtu jkun volatili, peress li

dawn jistgħu jibbenefikaw minn ekonomiji ta' skala li x'aktarx jagħmluhom aktar reżiljenti;

22. Ifakkar li l-ġuħ u l-malnutrizzjoni fil-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp huma relatati l-aktar man-nuqqas ta' kapaċità tal-akkwist u/jew man-nuqqas ta' kapaċità min-naħa tal-foqra rurali li jkunu awtosuffiċjenti; iħeġġeġ, għalhekk, lill-UE tgħin b'mod attiv lill-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp jegħlbu l-ostakoli (bħalma huma l-infrastruttura ta' kwalità baxxa u l-loġistika dgħajfa) għall-produzzjoni agrikola tagħhom stess;

23. Jitlob lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jtejbu l-produzzjoni domestika tal-ikel tal-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp, kif irrakkomandat fl-SDGs, minflok ma jżidu l-esportazzjonijiet agrikoli tal-UE lejn il-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp; iħeġġeġ lill-UE tinkoraġġixxi lill-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp iżidu u jiddiversifikaw il-produzzjoni tal-ikel tagħhom biex jissodisfaw id-domanda domestika tal-ikel u d-domanda dejjem akbar tas-suq Nofsinhar-Nofsinhar, peress li l-politika agrikola tal-UE waħedha mhijiex responsabbli biex titma' popolazzjoni dinjija li dejjem qed tiżdied; jisħaq, għal din ir-raġuni, fuq l-importanza tal-ġlieda kontra l-ħtif tal-art fil-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp;

24. Jitlob lill-UE tirrispondi għat-talbiet tal-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp biex tipproteġi l-produzzjoni tal-ikel tagħhom u l-popolazzjoni tagħhom mill-effetti potenzjalment distruttivi tal-importazzjonijiet irħas;

25. Jirrimarka li, fl-2050, aktar min-nofs il-popolazzjoni tal-pajjiżi l-inqas żviluppati se tkun għadha tgħix f'żoni rurali u li l-iżvilupp ta' agrikoltura sostenibbli fil-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp se jgħin biex jiġi sfruttat il-potenzjal tal-komunitajiet rurali tagħhom, jiġu sostnuti l-popolazzjonijiet rurali, u jitnaqqsu s-sottoimpjieg, il-faqar u l-insigurtà tal-ikel, li min-naħa l-oħra se jgħin sabiex jiġu indirizzati b'mod determinat il-kawżi prinċipali tal-migrazzjoni sfurzata;

26. Jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni sabiex jinħolqu opportunitajiet ta' impjieg u attivitajiet li jiġġeneraw il-qligħ fir-reġjuni ta' oriġini u ta' tranżitu tal-migranti permezz ta' proġetti appoġġjati mill-PAK; jistieden lill-Kummissjoni timplimenta programmi ta' skambju bejn l-UE u l-Unjoni Afrikana permezz tal-kooperazzjoni u d-djalogu dwar il-produzzjoni agroalimentari u l-innovazzjoni agrikola;

27. Jirrikonoxxi r-rwol kritiku li t-teknoloġiji tal-ispazju, bħalma huma dawk żviluppati fil-programmi tal-UE tal-ispazju u s-satelliti ġestiti mill-Aġenzija tal-GNSS Ewropea (Galileo, EGNOS u Copernicus), jistgħu jaqdu fl-ilħuq tal-SDGs tan-NU billi jipprovdu soluzzjonijiet affordabbli sabiex tiġi ffaċilitata l-bidla lejn agrikoltura ta' preċiżjoni, u b'hekk jeliminaw il-ħela, jiffrankaw il-ħin, inaqqsu l-eżawriment u jottimizzaw l-użu tal-apparat;

28. Jistieden lill-Kummissjoni tesplora teknoloġiji u applikazzjonijiet tax-xjenza spazjali u s-Sħubija Globali dwar Kooperazzjoni Effettiva għall-Iżvilupp bħala mekkaniżmi biex jassistu l-monitoraġġ tal-għelejjel, tat-trobbija tal-bhejjem, tal-forestrija, tas-sajd u tal-akwakultura, jappoġġjaw lill-bdiewa, lis-sajjieda, lill-forestiera u lil dawk li jfasslu l-politika fl-isforzi tagħhom biex jużaw diversi metodi għall-kisba ta' produzzjoni tal-ikel sostenibbli, u jirrispondu għall-isfidi relatati;

29. Jissottolinja li, b'mod aktar ġenerali, il-kummerċ agrikolu jrid jikkontribwixxi, abbażi ta'

sħubija, biex inaqqas l-inugwaljanzi globali u jġib aktar benefiċċji soċjali inklużivi għas-sħab kummerċjali kollha fil-futur, filwaqt li jibqa' fi ħdan il-limiti ekoloġiċi tal-pjaneta tagħna.

# INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 24.4.2018 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 15<br>–: 0<br>0: 7 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Ignazio Corrao, Mireille D’Ornano, Nirj Deva, Doru-Claudian Frunzulică, Enrique Guerrero Salom, Maria Heubuch, Teresa Jiménez-Becerril Barrio, Arne Lietz, Linda McAvan, Norbert Neuser, Vincent Peillon, Cristian Dan Preda, Lola Sánchez Caldentey, Elly Schlein, Eleni Theocharous, Paavo Väyrynen, Bogdan Brunon Wenta, Anna Záborská, Joachim Zeller, Željana Zovko |
| **Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Pál Csáky, Monika Vana |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| 15 | + |
|---|---|
| ALDE | Paavo Väyrynen |
| ECR | Eleni Theocharous |
| EFDD | Ignazio Corrao, Mireille D'Ornano |
| GUE/NGL | Lola Sánchez Caldentey |
| PPE | Joachim Zeller |
| S&D | Doru-Claudian Frunzulică, Enrique Guerrero Salom, Arne Lietz, Linda McAvan, Norbert Neuser, Vincent Peillon, Elly Schlein |
| VERTS/ALE | Maria Heubuch, Monika Vana |

| 0 | - |
|---|---|
| | |

| 7 | 0 |
|---|---|
| ECR | Nirj Deva |
| PPE | Pál Csáky, Teresa Jiménez-Becerril Barrio, Cristian Dan Preda, Bogdan Brunon Wenta, Anna Záborská, Željana Zovko |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni